MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 799/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cremona)**

**vs**

**Joseph Ellul Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Ellul Grech ta’ 51 sena iben Joseph u Maria Antonia nee` Grech mwieled Hal Qormi u residenti 19, Triq Kent, Fgura, ta’ karta tal-identita` numru 999748M, akkuzat talli:

F’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta’ Awissu 1999 u l-15 ta’ Novembru 1999 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

Il-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkustanza sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkunu jistghu l'quddiemjiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hseib li b'hekk din il-persuna tkun tista` tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u dan bi ksur tal-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-attijew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli , dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat mhux msemmija fl-Artikolu 183 jew 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinnji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kellu jew zamm skieken jew strumenti ohra bil-ponta u cioe` 'hunting knives' minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kellu ponn tal-hadid (knuckle duster) bi ksur tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Zamm jew kellu ‘sligs’, ‘crossbow’ u ‘air pistol’ u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fil-15 ta’ Novembru 1999, wara intervent u tfittxija mill-ufficjali tal-pulizija fil-fond fuq msemmi u cioe` 19, Kent Street, Fgura, instab xjentement li kellu fil-pussess tieghu l-oggetti indikati fin-nota ta’ qbid numru 26/99 li qed tigi mhemuza ma’ din l-akkuza. Dawn l-oggetti li l-importazzjoni tagghom hija pprojbita u/jew ristretta ghandhom valur totali ta’ Lm54 u dazju ta’ Lm4.374, liema dazju ma giex mhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i), paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fil-15 ta’ Novembru wara intervent u tfittxija minn Ufficjal tal-Pulizija fil-fond fuq msemmi u cioe` 19, Kent Street, Fgura nstab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu l-oggetti indikati fin-nota ta’ qbid numru 26/99 li l-importazzjoni taghhom hij aprojbita u/jew ristretta tal-valur ta’ Lm54, dazju ta’ Lm4.374, valur totali li fuqha kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm8.756 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur tal-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ l-1998).

Ezaminat ix-xhieda:

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz ta’ liema baghat l-atti lill-din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat tiddeciedi fuq l-akkuzi;

Rat li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kelliex aktar provi;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema` sommarjament;

Rat il-‘letter to prosecute’ mill-Kontrollur tad-Dwana, kif ukoll dik tal-Kummissarju tal-VAT;

Rat il-verbal taghha tal-20 ta' Mejju, 2003;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mid-difiza;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Li ghab-bazi tar-rinviju l-imputat jinsab akkuzat:
- ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz(Artikolu 110/I Kap 9)
- ta' falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat, l-uzu xjenti taghhom, u falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz ohra (Artikoli 183, 184, 189 tal-Kap 9);
- ta' ingurji (Artikolu 252 Kap 9);
- ta' reati konnessi mal-Ordinanza dwar l-Armi ai termini tal-Artikoli 3 u 13, 25 tal-stess;
- ta' reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u (Kap 37)u tat-Taxxa kontr al-Valur Mizjud (Att XXIII/1998)

L-akkuzi odjerni ghandhom l-origini minn rapport li ghamel il-Ministru John Dalli fil-15 ta' Novembri 1999 rigward ittri anonimi li kienu intbaghtu u rekapitati lill-bosta nies li kienu jinkludu fihom dokument rtal-Midland Trans Corporation (allegatament falz), rendikont bankarju b'riferenza tas-sena 1994, u zew rapporti ta' gazzetta lokali ta' kuljum 'The Times' tal-04 ta' Lulju 1999 u 28 ta' Lulju 1994 b'riferenza dikjarazzjoni tal-assi ta' Ministri. Inkluz kien hemm ukoll kitba intestata 'documents for your perusal' li kienet tallega li l-Ministru Dalli kien naqas li jiddikjara l-assi senjatament f'kont bankarju esteru. Saru l-opportuni investigazzjonijiet u s-suspetti waqghu fuq l-imputat li anke saritlu tfittxija fir-residenza tieghu li minnha minbarra ghadd ta' dokumenti li jinsabu esebiti gew ukol elevati xi armi konsistenti f''air pistol', 'cross bow', zewg 'sling shots', tlettax il-vlegga, bott trasparenti kontenenti 'pellets', 'knuckle duster', 'pen knife', u tlett 'hunting knives'.

Li l-imputat sarulu zewg interrogazzjonijiet u fit-tnejn cahad l-addebiti izda ammetta li l-armi fuq elenkati kienu tieghu u ttiehdu mir-residenza tieghu.

Issa mill-provi mismugha u d-dokumenti esebiti ghandu jirrisulta fic-car li l-certenza kollh tibbaza fuq zewg dokumenti, jigifieri dak immarkat ‘Y” fid-dok RC u dak mmarkat dok RC 17. M’hemmx dubbju, ghaliex anke ammess mill-imputat, li tal-ewwel kien hu li baghtu lil Ministru u wkoll lill-allura Ministru Josef Bonnici u lill-Prim Ministru. Relattivament ghat-tieni l-imputat cahad kategorikament li kien hu li ffabbrikah u/jew alterah u li baghtu lil diversi nies, li jirrisulta, kienu f’numru ta’ eluf.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-ewwel dokument id-difiza targumenta li dan m’ghandux locus standi fil-kawza, jigifieri li m’ghandu xejn x’jaqsam ma’ dawn il-proceduri. Tghid id-difiza li l-azzjoni kriminali hija bbazata fuq il-kont bankarju li hemm esebit fir-relazzjoni tal-espert forensiku nominat fl-inkjesta fil-persuna ta’ Martin Bajada, liema kont jirreferi ghad-Dok RC 17. Hawn hekk pero l-Qorti ma taqbilx billi huwa fatt, mhux kontestat anzi ammess, li l-imputat kien effetivament baghat dan id-dokument kif fuq intqal. Isegwi ghalhekk li anke dan id-dokument jista` talvolta jinkwadra ruhu fl-akkuzi li jirreferu ghall-falsifikazzjoni. Hawn hekk id-domanda tigi spontanja ‘dato ma non concesso’ f’dan l-stadju li d-dokument ma kienx f’xi aspett tieghu mibdul jista` bil-fatt biss li ntbaghat parti minnu jammonta ghal falsifikazzjoni ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali. Fuq daqshekk din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-fatt per se ma jikkostitwix r-reat ta’ falsfikazzjoni ai termini tac-citati artikoli. Izda dan mhux kollox billi jinsab allegat li dan id-dokument ghandu l-parti fejn hemm indirizz alterat. F’dan il-kuntest jonqos biss il-prova li dan hu fil-fatt hekk izda liema prova unikova mkien ma tezisti.

Illi dwar id-dokument RC 17, li hu allegat li l-parti t’isfel tieghu gie manomess u hu falsifikat, senjatament fejn jinsabu mnizzla l-ammonti ezistenti fil-kont, dak li jirrisulta hu li almenu l-parti ta’ fuq hemm similarita` kbira jekk adirittura mhux ukoll identiku ghad-dok Y. Dan jirrisulta

ictu oculi. Dak li ma jirrizultax hu li kien l-imputat responsabli ghal manomessjoni u l-alterazzjonijiet. Taghmilha hawnhekk cara l-Qorti li mhux imsejha biex tara jekk l-ammonti humiex veritjeri jew le. Il-kompitu taghha hu biex tara jekk l-imputat jistax, skond il-provi, jinstab responsabli fil-konfront ta' dan id-dokument li l-kwerelant isostni li hu falz fit-termini tal-artikolu 183 tal-Kap 9 ujekk u hekk li kien l-imputat dak li ccirkola d-dokument kif mfisser fl-Artikolu 252 tac-citat Kap. U anke minn dan l-aspett il-provi ma jwasslux ghall-konvincju tal-imputat.

Dwar l-akkuzi l'ohra li jikkontemplaw ksur tal-Ordinanza dwar l-Armi ukoll l-Ordinanza tad-Dwana u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (1998) l-unika haga li tirrisulta u tinsab pruvata hi li l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-oggetti fuq deskritti u li huma milquta bl-Ordinanza dwar l-Armi meta ma kellux il-permess mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-bqija ma jirrisultax jew li kien l-imputat li importa l-oggetti jew ukoll iz-zmien tal-importazzjoni taghhom, liema prova kienet tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu ovvju pero, ghall-inqas fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-oggetti misjuba kienu parti minn kollezzjoni b'tali mod li hi applikabbli l-proviso ta' l-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Armi.

Ghaldaqstant tiddeciedi li tiddikjara l-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba`, l-hames, id-disgha u l-ghaxar imputazzjonijiet u minnhom tilliberah. Fir-rigward tas-sitt, is-seba` u t-tmien akkuza rat l-Artikoli 3, 13 u 25 tal-Kap 66 u tikkundannah komplessivament multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------